**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 26 ta' Jannar, 2016**

**Avviz Numru:- 4/2015JVC**

**Paul Azzopardi**

**Vs**

**George Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta:-

Illi huwa kien gie nkarigat minn George Zammit jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fuq proprjeta' tieghu fi Triq Ghajn Qatet, Victoria, Ghawdex. Ta' dan ix-xoghol kien fadallu jhallas ammont ta' Lm2,099.52c (elfejn u disgha u disghin euro u tnejn u hamsin centezmu). Dan gie rikonoxxut permezz ta' skrittura ffirmata minnu quddiem l-Avukat Dottor Carmelo Galea fl-2007, meta huwa wkoll intrabat illi fuq din is-somma jhallas l-imghax ta' 8% fis-sena b'effett mill-1 ta' April 2007.

U peress li minn dan l-ammont, pero' u minkejja illi ghaddew aktar minn sitt (6) snin, huwa hallas biss is-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) fil-21 ta' Jannar 2009.

U peress li kienet intbaghtitlu ittra ufficjali fid-19 ta' Ottubru 2010, li permezz taghha kien gie anki kkapitalizzat l-imghaxijiet li lahqu ddekorrew sa dakinhar. Wara dik l-ittra hu kien hallas zewg pagamenti ta' hames mitt Euro l-wiehed, wiehed fid-19 ta' Jannar 2011 u l-iehor fis-17 ta' Frar 2011. Minn dakinhar 'il hawn baqa' ma hallas xejn.

U peress li kif jirrizulta mill-iskeda hawn annessa u mmarkata Dokument A, l-ammont dovut minnu lir-rikorrenti, inkluz l-imghax sas-

6 ta' Marzu 2015 illum huwa ta' €6,765.72 – sitt elef seba' mija u hamsa u sittin euro u tnejn u sebghin centezmu.

U peress illi wara li ntbaghtet lilu ittra ufficjali ohra fit-termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, huwa kkontesta l-ammont dovut minnu;

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' €6,765.72 – sitt elef seba' mija u hamsa u sittin euro u tnejn u sebghin centezmu inluz l-imghax sas-6 ta' Marzu 2015.

(2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-istess attur bl-imghax fuq din is-somma b'effett mid-data tas-6 ta' Marzu, 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, li ghaliha minn issa msejjah.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tal-2010 u tal-2015 kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta guramentata ta' George Zammit li eccepixxa:

(1) Illi huwa, m'ghandux ikun ikkundannat peress li ghalkemm hu qabbad lill-attur biex jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-proprjeta' tieghu fi Triq Ghajn Qatet, Victoria Ghawdex, l-ammont ta' flus li kien fadallu jhallas lill-attur huwa ferm inqas minn dak rikjest mill-attur.

    Il-konvenut ghalkemm irrikonoxxa l-hlas fil-2007 permezz ta' skrittura ffirmata minnu quddiem l-Avukat Carmelo Galea LL.D. Dok "A", il-hlas ma huwiex wiehed cert u likwidu u li ghalaq. Dan ghaliex fir-rikors odjern tal-attur, l-ammont huwa fic-cifra tal-Liri Maltin (munita li llum m'ghadhiex tintuza bhala valuta legali) u ezatt hdejha hemm li l-ammont huwa fil-munita ewro.

(2) Barra minnhekk, il-konvenut fehem li jintrabat illi fuq din is-somma ta' elfejn u disgha u disghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (Ewro 2099.52c) ihallas l-imghax ta' kont savings ta' Bank kummercjali f'Malta jew Ghawdex u mhux l-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) u ghalhekk il-kunsens tal-konvenut kien

wiehed differenti u kwindi vvizjat. Ghalhekk hu fehem li jhallas imghax ferm inqas min dak li allega l-attur. Ghaldaqstant, il-konvenut ma jaqbilx mac-cifra kif murija f'Dokument "B".

(3) Illi l-konvenut hallas mitejn u hamsin ewro (250 ewro) fil-21 ta' Jannar, 2009.

(4) Illi l-ittra ufficjali li ntbaghtet lill-konvenut fis-19 t'Ottubru, 2010 hija wahda nulla ghaliex il-kompetenza tal-Qorti mhix wahda nizjalizzata skont il-ligi u dan johrog minn l-Artikolu 174(1) (a) u l-Artikolu 98 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, il-konvenut mhuwiex jaqbel kif gie kkapitalizzat l-imghaxijiet li lahqu ddekorrew. Izjed minn hekk, il-konvenut hallas zewg pagamenti ta' hames mitt ewro-il wiehed, wiehed fis-19 ta' Jannar, 2011 u l-iehor fis-17 ta' Frar, 2011.

(5) Illi l-iskeda annessa bhala Dokument "B" (u mhux Dok "A" kif qal l-attur fir-rikors odjern tieghu) hija totalment erroneja u l-konvenut ma jaqbilx assolutament mac-cifra kif esebita.

(6) Illi ghal darba ohra l-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu, 2015 a tenur l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 Ligijiet ta' Malta hija nulla, ghax il-kompetenza tal-Onorabbli Qorti hija **Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri** u mhux dik Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Inferjuri. Ghalhekk, dik l-ittra ufficjali hija nulla a tenur l-Artikoli 98 *et sequitur* u l-Artikolu 174(1) (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha msemmija hawn fuq, il-konvenut m'ghandux jigi iddikjarat mill-Onorabbli Qorti:

(1) Sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' 6,765.72 ewro (sitt elef, seba' mija u hamsa u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu) inkluz l-imghax sas-6 ta' Marzu, 2015.

U izjed,

(2) Il-konvenut lanqas m'ghandu jigi kkundannat mill-Onorabbli Qorti sabiex ihallas din is-somma lill-istess attur bl-imghax fuq din

is-somma kif giet konklussivament maghmula mill-attur b'effett mid-data tat-12 ta' Marzu, 2015.

Rat il-verbal tat-18 ta' Novembru, 2015 fejn il-parijiet iddikjaraw kif isegwi:

'Il-partijiet qeghdin jittransigu l-kawza billi l-konvenut jammetti t-talbiet attrici, b'dana li r-rata ta' imghaxijiet pagabbli fuq il-kapital (€4890) ghandha tigi komputata bir-rata ta' hamsa u nofs fil-mija flok bit-tmienja fil-mija b'effett mill-1 ta' April 2007 u s-sentenza ma tkunx esegwibbli qabel l-1 ta' Dicembru, 2016.

Spejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.'

Rat illi fl-istess verbal il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum b'dana li jekk il-partijiet jiftehmu mod iehor kellhom jinfurmaw lill-Qorti;

Rat illi fil-15 ta' Dicembru, 2015, il-partijiet intavolaw nota konguntiva kif isegwi:

'Illi permezz taghha jiddikjaraw li huma qeghdin jaqblu li tinghata sentenza minn din l-Onorabbli Qorti fis-sens li:

1. il-konvenut jigi ddikjarat debitur fil-konfront tal-attur fis-somma komplessiva ta' €5606 (hamest elef sitt mija u hames euro), inkluzi l-imghaxijiet komputati sas-26 ta' Novembru 2015;

2. huwa jigi kkundannat sabiex ihallas din is-somma fi zmien sena mis-26 ta' Novembru 2015, flimkien mal-imghaxijiet fuq din is-somma kkalkolati bir-rata ta' hamsa punt hamsa fil-mija (5.5%), pagabbli a skaletta b'effett mis-26 ta' Novembru, 2015;

3. huwa jigi kkundannat ukoll ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura.'

Rat l-atti kollha.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet kollha suesposti u fuq ftehim bejn il-partijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tiddikjara l-konvenut debitur fil-konfront tal-attur fis-somma komplessiva ta' €5605 (hamest elef sitt mija u hames euro), inkluzi l-imghaxijiet komputati sas-26 ta' Novembru 2015;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' €5605 (hamest elef sitt mija u hames euro) fi zmien sena mis-26 ta' Novembru 2015, flimkien mal-imghaxijiet fuq din is-somma kkalkolati bir-rata ta' hamsa punt hamsa fil-mija (5.5%), pagabbli a skaletta b'effett mis-26 ta' Novembru, 2015;

3. Tikkundannna l-konvenut ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura kif mitluba fl-avviz.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur